# "Ħalluhom jikbru hawn"

Asma, Duigu, Ibrahim, Ichem, Li, Lovepreet, Mamadou, Miloj, Olga, Peina, Rajneet, Rashida, Tamba, Vlad, Yasmine, Yi...

- Aħna t-tfal ta’ nies bla dokumenti.
- Aħna t-tfal ta’ nies bla dokumenti.
- Aħna t-tfal ta’ nies bla dokumenti.
- Persuna bla dokumenti hija persuna li m’għandhiex permess ta’ residenza, anke jekk tkun ilha żmien twil fi Franza.
- Bħal ħafna fostkom, il-ġenituri tagħna ġew minn bnadi oħra, ħarbu mill-vjolenza u l-miżerja. Ġew hawnhekk biex jaħdmu u jagħtuna ħajja aħjar.
- Uħud minna twieldu hawnhekk. Bid-dokumenti jew mingħajrhom, pajjiżna huwa Franza.
- Ngħixu fil-kerrejjiet, appartamenti, kmamar fejn noqogħdu marsusin.
- Kuljum ngħixu fil-biża’.
- Kuljum ngħixu fil-biża’.
- Nibżgħu li l-pulizija jarrestaw lill-ġenituri tagħna meta jmorru għax-xogħol, jew meta jaqbdu l-"métro".
- Nibżgħu li jitfgħuhom il-ħabs.
- Li jifirdu l-familji tagħna u li jibagħtuna f’pajjiżi li ma nafux.
- Il-ħin kollu naħsbu fuq hekk, anke meta nkunu l-iskola. - Normali li nibżgħu meta nkunu l-iskola?
- Normali li nibżgħu meta nkunu l-iskola?
- Is-sajf li għadda, aħna u l-ġenituri tagħhna konna ttamajna li sa fl-aħħar kien se jkollna d-dokumenti.
- Ġbarna flimkien fajls ta' dokumenti. Qattajna l-lejl fil-kju quddiem il-prefetturi.
- F'uffiċini niżżilna isimna, konna konvinti li se niġu regolarizzati, li l-ħmar il-lejl kien se jintemm.
- Konna nissodisfaw il-kriterji kollha.
- Imma qalulna “le”.
- Ġejna b’wiċċna mikxuf, b’isimna, bl-indirizzi tagħna. Dawk li ngħataw id-dokumenti kellhom l-istess fajl bħalna. - Safrattant lilna qalulna “le”. Bla raġuni valida.
- U safrattant lilna qalulna “le”. Bla raġuni valida.
- Issa ninsabu fil-periklu u qed ikollna ninħbew. Għaliex din l-inġustizzja?
Ma rridux nibqgħu ngħixu fil-biża’. Aħna rridu li Franza tadottana. Irridu niġu regolarizzati. - Ħalluna nikbru hawn.
- Ħalluna nikbru hawn.
- Ħalluna nikbru hawn.

Kollettività tad-diretturi taċ-ċinema għall-“persuni bla dokumenti”.
Professjonisti taċ-ċinema u tal-industrija awdjoviżiva b’appoġġ lin-Netwerk Edukazzjoni Mingħajr Fruntieri u lill-persuni bla dokumenti kollha ta’ Franza